# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Mejju 2023**

**Appell numru 586/2019**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Leslie FARRUGIA**
**Susanne Camilleri**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' Leslie FARRUGIA minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-18 ta' Ottubru 2021 fil-konfront ta' Leslie FARRUGIA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 202492M) u Susanne Camilleri li ġew mixlija talli:

   i. Nhar il-11 ta' Settembru 2019, għall-ħabta ta' 16.15hrs, ġewwa Triq Hompesch Fgura bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeċċedix l-Ewro 2,329.37 għad-dannu ta' Josephine Moffat anzjana ta' 80 sena, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali għall-volonta' tagħhom;

   Fil-konfront ta' **Leslie FARRUGIA <u>waħdu</u>**: -

i) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Monica Vella

permezz tad-digriet tagħha tal-1 ta' Awwissu 2019 li bih tat il-ħelsien mill-arrest;

ii) Fl-istess data, ħinijiet u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Dr. Francesco Depasquale datata 20 ta' Frar 2018 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

iii) U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Maltan u dan b'diversi sentenzi li saru definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula;

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali filwaqt li illiberat lil Susanne Camilleri mill-imputazzjoni li kkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Josephine Moffat anzjana ta' 80 sena, sabet lil Camilleri u Leslie FARRUGIA ħatja ta' attentat ta' serq sempliċi a dannu ta' Josephine Moffat u sabet ukoll lil FARRUGIA waħdu ħati talli rrenda ruħu reċidiv u kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu bid-digriet datata 1 ta' Awissu 2019 u kkundannat lil Camilleri għal terminu ta' priġunerija ta' xahrejn filwaqt li lil FARRUGIA ikkundannatu għal terminu ta' sentejn priġunerija.

In oltre, fir-rigward ta' FARRUGIA, ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li s-sentenza sospiża li kienet għal terminu ta' sena priġunerija tibda sseħħ u għalhekk issa jsir terminu ta' priġunerija effettiva.

Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti ħarġet ukoll ordni ta' trażżin fil-konfront ta' kull wieħed mill-imputati għall-perjodu ta' tlett snin dekorribbli mid-data ta' meta kull wieħed mill-imputati jiskonta s-sentenza ta' priġunerija hawn rispettivament impost fuqhom.

In oltre, għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza, il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' ħamest elef Ewro (€5000) liema somma tirrapreżenta l-garanzija intiera imposta fuq l-imputat FARRUGIA bid-digriet tal-ħelsien mill-arrest ippronunċjat mill-Maġistrat Dr Monica Vella datat 1 ta' Awissu 2019 u kif mitlub mill-Prosekuzzjoni, u ai termini tal-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti rrevokat ukoll il-ħelsien mill-arrest mogħti lil FARRUGIA u ordnat ir-riarrest tiegħu.

Ukoll, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-ħlas tal-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti f'din il-kawża u din l-ispiża ta' elf u sitt euro sitta u għoxrin ċenteżmi (€1,006.26) kellha tinqasam in solidum bejn Camilleri u FARRUGIA.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi FARRUGIA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew in subsidum, f'każ li l-Qorti ssib ħtija fil-konfront tiegħu, timmodifika l-istess sentenza appellata limitatament in kwantu għall-piena u minflok it-tlett snin priġunerija tinfliġġi piena iktar ekwa u ġusta jew alternattiva minn dik karċerarja u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint): -

i) Illi l-ewwel aggravju jitratta dwar l-apprezzament żbaljat ta' provi li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dan prinċipalment fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-persuna/i li wettqu dan ir-reat ta' serq għad-dannu ta' Josephine Moffat. L-identifikazzjoni tal-appellant bħala l-persuna li wettqet ir-reat ma kinitx attendibbli. Mhuwhiex minnu li kif qalet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Josephine Moffat identifikat mill-ewwel lill-imputat qua appellant bħala l-malviventi. Kien PC 195 Melvin Calleja waqt ix-xhieda tiegħu li qal dan u mhux Josephine Moffat. Kif ukoll fir-rigward tal-fattizzi ta' wiċċu kien l-Ispettur Paul Camilleri li xehed dan u mhux Moffat. L-appellant saħaq li għalkemm dakinhar tat-twettiq tar-reat huwa kien preżenti fuq il-post, kienet Donna Sciberras li wetqet dan ir-reat u mhux hu u l-involviment tiegħu kien biss li mar jgħin lil mara (Moffat) li kienet sfat aggredita. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet skorretta meta qalet li r-reat ma għamlitux Donna Borg għaliex fil-filmati ma dehritx u dan għaliex il-filmati ma jkoprux l-inċident kif ukoll ma jkoprux it-triq u l-iżbokki kollha tat-triq fejn seħħ l-inċident.

ii) It-tieni aggravju jitratta l-applikazzjoni ħażina tal-liġi għal dak li għandu x'jaqsam mal-kundanna għal ksur tal-kondizzjonijiet tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħet qatt issib ħtija għaliex meta saret il-vera kopja tad-digriet dan ma kienx datat mid-deputat reġistratur u lanqas ma ttella' r-reġistratur sabiex tikkonferma jekk dak id-digriet kienx għadu validu anki fid-data tal-11 ta' Settembru 2019 meta saru l-allegati reati;

iii) Fir-rigward tal-kommissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, kellha ssir il-prova tal-identita' u dan ma seħħx. Il-prova tal-identita' tal-appellant kellha ssir billi jitla' xi ħadd sabiex jagħraf il-wiċċ tal-appellant u mhux għax jirriżulta mill-estratt taċ-ċertifikat tat-twelid tal-appellant esebit a fol. 3 tal-atti proċesswali;

iv) Illi l-aħjar prova sabiex tiġi ppruvata l-akkuża tar-reċidiva hi li tiġi esebita kopja uffiċjali tas-sentenza relattiva u wara ssir il-prova tal-identita'. Dan ma sarx allura l-prova tar-reċidiva ma saritx u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħet qatt issib ħtija. Għalhekk l-imputat ma kellux jiġi trattat bħala reċedvi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Man ġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

11. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

12. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

13. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliża fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

14. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

15. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

16. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

17. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

18. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat

[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

19. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

20. Illi huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-hearsay u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw **il-hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

21. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

22. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

23. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence

> iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

24. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

25. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

26. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ,

iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

27. Illi nhar il-11 ta' Settembru 2019, il-Pulizija daħlilhom rapport minn ċerta Josephine Moffat, anzjana ta' tmenin sena, li dakinhar għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofs in-nhar fl-inħawi tal-HSBC tal-Fgura, kienet sfat aggredita f'tentattiv li tiġi dderubata mill-handbag tagħha. Hija ddeskriviet lill-malviventi mal-Pulizija u dawn mill-ewwel bdew bl-investigazzjonijiet tagħhom fosthom bit-teħid u sussegwenti analiżi tal-filmati tal-cameras tas-sigurta minn varji stabbilimenti qrib jew li jagħtu għal fuq it-triq ta' fejn seħħ l-inċident. Josephine Moffat irraportat mal-Pulizija li dakinhar hija kienet ħarġet mid-dar sabiex tmur tiġbed xi flus mill-ATM tal-bank li jinsab fi Triq Hompesch il-Fgura u hekk kif ħarġet mill-bank ġiet imwaqqfa minn raġel li kien liebes top aħdar kulur il-piżella u mara b'top b'kaffe-latte li qalulha sabiex tgħinnhom għaliex kienet waqfitilhom il-vettura. Moffat irrakkontat li ma tatx kashom u daret sabiex taqsam it-triq iżda malli telgħet fuq il-bankina tħoss daqqa ġo daharha u kif daret rat li dik l-istess mara li ftit qabel kienet liebsa dak it-top ta' kulur kaffe-latte kienet qeda tipprova tisraqilha l-portmoni tagħha. Hija stqarret li bdiet tgħajjat u waqgħet mal-art u hekk kif qamet dak l-istess raġel li qabel kien waqqafha bl-iskuża tal-vettura li kienet waqfitlu, offrielha sabiex jgħinnha. Hija stqarret ukoll li l-malviventi ħarbu minn fuq il-post mingħajr ma rnexxilhom joħdulha xejn għaliex peress li kienet mainroad, bdew jinġemgħu n-nies.

28. Moffat sussegwentement marret tagħmel rapport l-Għassa tal-Pulizija u wara marret ukoll il-Policlinic tal-Fgura sabiex tiġi invistata minn tabib minħabba xi ġrieħi li kienet sofriet hi u tissielet sabiex il-malviventi ma toħdilhiex il-portmoni. Il-Pulizija kompliet bl-

investigazzjoni tagħha sakemm waslet għal suspett raġonevoli li l-malviventi kienu Camilleri u l-appellant FARRUGIA. Illi nhar l-24 ta' Settembru 2019, il-Pulizija ħadet stqarrija bil-miktub lil Camilleri u FARRUGIA u sussegwentement tressqu l-Qorti nhar il-25 ta' Settembru 2019 b'rabta ma' dan l-inċident irraportat minn Moffat.

**Ikkunsidrat:**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet ħtija fl-appellant għall-imputazzjoni numru wieħed meritu tal-ewwel aggravju tiegħu.**

29. F'dan il-każ il-prosekuzzjoni ma għandhiex xhieda okulari estranji għall-fatti li raw l-inċident iseħħ; jew almenu dawk li kienu preżenti ma ġewx identifikati. Għalhekk il-Prosekuzzjoni kellha f'idejha l-verżjoni tal-fatti kif irrakkontata mill-parte leża Josephine Moffat fuq naħa u l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-imputati Camilleri u FARRUGIA fuq in-naħa l-oħra. Dawn xehdu fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u anki wieġbu għall-mistoqsijiet li sarulhom waqt l-interrogazzjoni li saritilhom mill-Pulizija Eżekuttiva nhar l-24 ta' Settembru 2019.

30. Biex waslet għall-konklużjoni li tressaq lill-imputat appellat u lil seħibtu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-Prosekuzzjoni ma straħitx biss fuq il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-anzjana, iżda analizzat ukoll il-filmati tas-sigurta li kienu jagħtu għal fuq Triq Hompesch. L-identifikazzjoni tal-appellant FARRUGIA, flimkien ma' Camilleri, bħala l-malviventi li attakkaw lil Moffat bl-intenzjoni li jisirquha dakinhar tal-11 ta' Settembru 2019, ma saritx b'mod azzardat jew b'mod approssimativ. Leslie FARRUGIA kien magħruf mal-Pulizija preċedentement. Dan jixhduh l-Ispettur Paul Camilleri u l-Ispettur Lydon Zammit rispettivament. F'paġna 25 tax-xhieda tiegħu l-Ispettur Paul Camilleri qal:

> Pero mill-verżjoni li qaltilna l-istess Josephine stajt nasal għal suspett ta' żewġ min-nies li huma Susanne Camilleri u Leslie Farrugia li qed nagħraf hawn bħala l-imputati fl-Awla. **Mid-deskrizzjoni li tatna ta' wiċċhom nafu għax għandi każ miegħu u għadu frisk f'moħħi.**[9]

[9] Enfasi ta' din il-Qorti.

31. Imbagħad, iktar ‘il quddiem fil-kontro-eżami tiegħu f’paġna 344 l-Ispettur Camilleri jerġa’ jtenni li huwa kellu suspett li d-deskrizzjoni tal-malviventi kif mogħtija mill-vittma kienet taqbel mal-persuna ta’ FARRUGIA għaliex hu lil dan tal-aħħar kien jafu fl-ambitu ta’ xogħolu:

> Dr. George Anton Buttigieg: .... Meta inti tgħid illi filli ma kellna xejn f’idejna mbagħad qed tgħid li kellna l-cameras, kif filli ma kellek xejn f’idejk, wasalt għal dawn iż-żewġ min-nies?
>
> Xhud: Għax meta tibda tinvestiga l-ewwel ma jkollok xejn f’idejk imbagħad xħin tinvestiga ssir taf l-affarijiet, rajna l-cameras, kellimna lix-xiħa, ix-xiħa mid-deskrizzjoni tagħha mill-ewwel tagħtna deskrizzjoni ċara ta’ min huma l-imputati, **knowing li jiena naf lill-imputati...**[10]

32. L-istess jixhed l-Ispettur Lydon Zammit f’paġna 35 tax-xhieda tiegħu fejn jgħid hekk:

> Dak il-ħin kien hemm xi suspett illi setgħu kienu ċertu Leslie Farrugia u ċertu Susanne Camilleri minħabba li d-description li kienet tat il-persuna mal-pulizija kienet tixbaħ ħafna lil dawn iż-żewġ persuni li **kienu known mal-pulizija tad-distrett. Min-naħa tiegħi lil Leslie Farrugia kont nafu minn fuq ix-xogħol...**[11]

33. Din ix-xhieda tal-Pulizija dwar id-deskrizzjoni tal-malviventi u l-konklużjonijiet li waslu għaliha huma, anke bl-għinuna tal-viżjoni tas-CCTV recordings titqies li hija xiehda attendibbli u għandha tingħata valur. Il-ġurisprudenza tirrikonoxxi li Uffiċjali tal-Pulizija jiżviluppaw ħila ta’ osservazzjoni li ċittadin komuni normalment ma jkollux; u din l-istess ħila akkwiżita twassal għall-identifikazzjoni attendibbli tal-malviventi. F’**R vs. Ramsden** (1991) Crim.L.R. 295, CA intqal is-segwenti:

> An identifying witness who is involved in the criminal justice system is likely to have a greater appreciation of the importance of identification, and so to look for some particular identifying feature. **Honest police officers are likely to be more reliable than the general public, being trained and less likely to have their observations and recollections affected by the excitement of the situation.**[12] Provided that the usual warnings are given, the reasons scrutinised and the integrity of the witness is not in doubt, the tribunal can give effect to what is only common sense.[13]

---

[10] Enfasi ta’ din il-Qorti.
[11] Enfasi ta’ din il-Qorti.
[12] Enfasi ta’ din il-Qorti.
[13] The Crown Prosecution Service <accessat 12.3.2022>

34. Bl-istess mod, hija attendibbli l-identifikazzjoni tal-malviventi li l-Pulizija investigativa tkun waslet għaliha minn analiżi tal-cameras tas-sigurta' li ġew elevati minn diversi stabbilimenti fi Triq Hompesch. Dwar dan il-punt, fis-sistema proċedurali Ingliż, u li fuqu l-Liġi proċedurali penali Maltija hija msejsa, il-**Blackstone's Criminal Practice,** 2019 għandu dan x'jgħallem:

> The contents of photographs and films on which a party seeks to rely may be proved by the production of the original; or by the production of a copy proved to be an authentic copy; or by the parol evidence of witnesses who have seen the photograph or film. In Kajala v Noble (1982) 75 Cr Aoo R 149 Ackner LJ held that the rule, that if an original document is available in a party's hands he must produce it and cannot give secondary evidence of it, was confined to written documents in the strict sense of the term and has no relevance to tapes or films. In Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986) 1 All ER 225, a video cassette recording, made by a security camera and showing a person in a shop picking up an item and putting it into his jacket, was played to police officers who identified the person as Taylor. The recording, after it had been returned to the shop, was accidentally erased. Evidence by the officers of what they had seen on the video was held to have been properly admitted, on the ground that what they had seen on the video was no different in principle from the evidence of a bystander who had actually witnessed the incident, and the appeal against conviction was dismissed. The Court of Appeal held that the weight and reliability of the evidence had to be assessed carefully, and because identification was in issue, by reference to the guidelines laid down in Turnbull (1977) QB 224, which had to be applied in relation to not only the camera, but also to the visual display unit or recorded copy and the officers. See also Constantinou (1989) Cr App R 74.

35. L-implikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza Ingliża hija importanti ħafna għall-fini ta' dan il-każ in kwantu tammetti l-ammissibbilita bħala evidenza fi proċeduri kriminali:

> **just as a video recording of the commision of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position a a witness with a 'direct view of the action' Taylor vs Chief Constable of Cheshire 12 (1986) 1 All ER 225 32.**

36. Skont l-insenjament **f'Taylor** kwindi, l-identifikazzjoni tal-malviventi minn fuq filmat ta' CCTV camera għandha l-istess valur probatorju daqs dik l-identifikazzjoni magħmula minn persuna **with a direct view of the action**. Din l-identifikazzjoni pero' għandha ssir b'ċerta kawtela u b'rispett massimu għall-linji gwida imfassla fil-każ **Turnbull** liema linji gwida jimponu l-obbligu fuq il-ġudikant li jistħarreġ iċ-ċirkostanzi kollha li jkunu wasslu lix-xhud sabiex

jidentifika lill-malviventi minn fuq l-imsemmi filmat. L-istudju ta’ dawn iċ-ċirkostanzi jikkomporta wkoll li l-ġudikant jistaqsi domandi bħalma huma dawk segwenti:

How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way e.g. by traffic or other people? Had the witness ever seen the accused before? If so, how often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long had elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description given by the witness and the actual appearance of the accused?

37. F’paġna 35 l-Ispettur Lydon Zammit jixhed fuq **il-lok** minn fejn ittieħdu l-filmati tal-cameras tas-sigurta liema xogħol sar bħala ‘police work’ u dan minħabba li ma kinitx ġiet varata Inkjesta Maġisterjali f’rabta ma’ dan il-każ. Huwa jsemmi l-istabbilimenti Dhalia Real Estates, l-Isphinx Pastizzerija, il-Bank of Valletta, l-Easybet gaming outlet, l-HSBC Bank Malta plc u Transport Malta. Anki l-Ispettur Camilleri f’paġna 343 tal-kontro-eżami tiegħu jagħti dettalji preċiżi tal-lok minn fejn ittieħdu l-cameras tas-sigurta u jgħid hekk:

Dr. George Anton Buttigieg: Meta qed tgħid biex iduru l-cameras, il-cameras minn fejn inġabru?
Xhud: Mit-triq ta’ quddiem l-għassa li tiġi Hompesch Road.
Dr. George Anton Buttigieg: Jiġifieri qed nifhem sew illi cameras faċċata tal-HSBC fejn allegatament seħħet is-serqa ma kienx hemm?
Xhud: **Le, cameras hemm u ġbarnihom kollha imma jiġifieri aħna ħadna l-cameras tat-triq kollha (tat-toroq u adjacent roads).**[14]

38. Imbagħad l-Ispettur Lydon Zammit jgħid hekk f’paġna 36 tax-xhieda tiegħu:

Bdejna naraw is-CCTV footages wara li nġabru u rriżulta li ż-żewġ min-nies li **kien hemm naqra suspett fuqhom ġie kkonfermat illi kienu fuq il-post**[15] għaliex jidhru ġejjin min-naħa tal-Gallarija tal-Fgura u dik inqabdet mill-camera ta’ Transport Malta, baqgħu mexjin fuq l-istess bankina tal-għassa tal-pulizija tal-Fgura. **Jiġifieri għandna cameras li jikkaverjaw dik l-area fuq iż-żewġ bankini jiġfieri tad-Dhalia, tal-Bov, tal-Easybet**[16] u dak il-ħin qbadna naraw il-filmati kollha biex naraw jekk tgħaddix din l-allegata aggressur li kienu qed jallegaw huma fl-ebda ħin ma tgħaddi din il-persuna jiġifieri la min-naħa tal-bankina tad-Dhalia u lanqas min-naħa tal-bankina tal-knisja.

[14] Enfasi ta’ din il-Qorti.
[15] Enfasi ta’ din il-Qorti.
[16] Enfasi ta’ din il-Qorti.

39. Għalkemm il-punt preċiż ta' fejn seħħ it-tentattiv ta' serq minn fuq l-anzjana Moffat ma nqabadx mill-cameras tas-sigurta, l-inħawi tal-inċident inqabdu sew **u l-malviventi dehru wkoll fl-istess akkwati fil-ħinijiet kompatibbli ma dawk li fih seħħ l-inċident**. Huwa indubitat li fil-ħin tal-inċident Camilleri u FARRUGIA kienu fuq il-lok. Dan il-fatt ma ġiex ikkontestat minnhom. Il-kwistjoni kollha ddur dwar jekk effettivament kienux fuq il-lok tas-serqa b'rabta mal-inċident irraportat mill-anzjana jew jekk kienux hemmhekk koinċidentalment - kif qiegħed isostni l-appellant - u li ressqu biss lejn l-anzjana sabiex joffrulha l-għinuna.

40. In kontro-eżami f'paġna 345 fuq domanda tal-Avukat Difensur tal-appellant dwar il-kontenut tal-filmati li kienu ġew analizzati mill-Pulizija, l-Ispettur Camilleri jgħid hekk:

> Xhud: **Skużani Sinjura Maġistrat, Jiena lil dawn l-imputati hawnhekk rajnihom fit-triq, bl-istess ħwejjeġ, bl-istess tip ta' features u bl-istess tip ta' wiċċ li ndikatilna l-vittma**.[17] Aħna rajnihom fil-ħin, ftit qabel jew wara, ma nistax niġi eżatt f'liema ħin, pero' fil-ħin li ġara l-każ. Jiġifieri ma kienx hemm ħin twil u dawn jiġifieri ma dehrux siegħa wara li ġara l-każ. Kien hemm ftit minuti u jiġifieri fil-location kienu hemm.

41. Ukoll, PC 1087 Roderick Degiorgio jixhed f'iktar dettall dwar l-aspett fiżiku u l-movimenti ta' dawk il-persuni suspettati li dehru fil-filmati elevati mill-imsemmija cameras tas-sigurta'. F'paġna 57 tax-xhieda tiegħu, Degiorgio jixhed li minn analiżi tal-filmati elevati, seta' jiġi nnutat li kien hemm żewġ persuni li kienu jidħlu fil-parametri tad-deskrizzjoni li kienet tathom il-vittma:

> Bħala filmati qegħdin siegħa qabel l-akkadut u nofs siegħa wara bejn wieħed u ieħor l-akkadut. **F'dak il-ħin jidhru żewġ persuni fid-deskrizzjoni li tat il-vittma, kemm deskrizzjoni fiżika x'kienu lebsin u kemm deskrizzjoni bħala l-aġir tagħhom.[18]**
>
> .../....
>
> Fil-filmat imbagħad tal-BOV jidher imbagħad l-aġir li spjegat il-vittma fejn il-persuna femminili waqfet fejn l-ATM u bdiet tkellimhom filwaqt li Leslie baqa' miexi xi ftit metri quddiemha u jħares lura biex jara x'kienet qed tagħmel. **Jidher ukoll li Leslie kien liebes l-istess flok aħdar li spjegat il-vittma u dak il-ħin kien l-unika persuna maskili flimkien ma' persuna femminili li kien għadda bi flokk aħdar**, f'dan il-perjodu li ħadna.

[17] Enfasi ta' din il-Qorti.
[18] Enfasi ta' din il-Qorti.

42. L-anzjana Moffat dejjem kienet konsistenti fil-verżjoni ta' fatti illi tat, kemm meta marret tagħmel il-kwerela fl-Għassa tal-Pulizija u kemm fix-xhieda tagħha quddiem l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2019 - inqas minn xahar wara l-inċident. Kif xehedu l-uffiċjali tal-Pulizija, il-verżjoni tagħha kienet taqbel ma' dak li jidher fil-filmati.

43. Mill-filmati jidher kif l-appellant FARRUGIA kien qiegħed viċin l-ATM tal-HSBC tal-Fgura liebes flok aħdar kulur il-piżella u li kien flimkien ma' persuna femmili liebsa flokk ta' kulur kafellatte. F'paġna 378 fil-kontro-eżami tiegħu, PC 195 Melvin Calleja jgħid hekk:

> Dr. George Anton Buttigieg: ..Meta qed tgħid ''dehru ż-żewġ suspettati għaddejjin'', inti kif ikkonkludejt illi dawk kienu ż-żewġ suspettati?
>
> Xhud: Għax kellna suspett ovjament min huma u aħna nafuhom u niftakar **il-preċiżi kelmiet tal-vittma illi l-ġuvni kien liebes flokk aħdar piżella u fil-filmat jidher il-persuna bi flokk aħdar piżella.**[19]

44. Il-Pulizija setgħu jixhdu b'ċertezza dwar l-identita' tal-malviventi għaliex imxew fuq id-deskrizzjoni tal-aggressuri li tathom il-vittma liema deskrizzjoni kienet taqbel bi preċiżjoni ma' dak li deher fil-filmati. Fi kliem Moffat, f'paġna 53 tax-xhieda tagħha, hija kienet ċerta mill-identita' ta' dik il-persuna li mbuttata għax dik kienet **<u>l-istess mara</u>** (Camilleri) li kienet rat ftit qabel flimkien ma' dak ir-raġel li kienet talabha tgħinu għax kienet waqfitlu l-karozza. L-anzjana tixhed ukoll iktar minn darba kif lill-malviventi tagħha baqgħet tħares lejhom fiss b'mod li kienet għalhekk f'pożizzjoni li kapaċi tidentifikahom minn wiċċhom:

> Ix-xhud: Ma rrispondejtux, dort u qsamt it-triq ħalli mmur għad-dar. Kif nitla' l-bankina eżatt ta' fejn hemm il-ħanut tat-toys, inħoss daqqa ġo dahri hekk u ma' qaddi u din ser taħtaf il-portmoni u kif dort hekk għaraftha mill-ewwel għedt dik li kienet ma' dak.
>
> Prosekuzzjoni: Meta qed tgħid li għaraftha kienet ma' dak, xi trid tgħid biha?
>
> Ix-xhud: **Għaraftha li kienet l-istess waħda li kienet qiegħda ma' dak li lili talabni biex ngħinhom għax waqfilhom il-karozza, jiġifieri hi kienet għax għaraftha ċar għax meta dak li jkun jieqaf ikelmek, tħares lejh jiġifieri.**[20]
>
> .../...imbagħad hu qasam it-triq u ġie, qgħadt inħares hekk f'għajnejh jien biex nurih li qbadthom x'inhuma u qalli, ''aħna ġejna biex ngħinuk''.

---

[19] Enfasi ta' din il-Qorti.
[20] Enfasi ta' din il-Qorti.

45. Iktar ‘il quddiem fix-xhieda tagħha, Moffat għarfet ukoll l-esebit Dok PC1 – li huwa flokk ta’ kulur aħdar li kien ġie elevat mill-Pulizija mir-residenza tal-appellant – bħala dak il-flokk li kien liebes il-malviventi maskili dakinhar tal-inċident:

> Prosekuzzjoni: Sinjura ħa nurik dokument immarkat bħala Dok. PC1 għidli x’tagħraf minnu, tax x’inhu dak id-dokument u ġieli rajtu?
>
> Ix-xhud: Dan bħala dokument hekk, kien bi qmis ħadra pea gree kulur il-piżella.

46. Illi minn kliem Moffat għalhekk din il-Qorti ma jifdlilha l-ebda dubju li dawk iż-żewġ persuni li għamlu tentattiv li jisirquha fil-11 ta’ Settembru 2019 kienu dawk l-istess persuni li kienu dehru dakinhar stess f’dawk l-inħawi fi Triq Hompesch ħdejn il-bank HSBC, fl-istess ħinijiet, kif ġie korroborat mill-filmati tal-cameras tas-sigurta’. Huwa indubitat ukoll li l-preżenza ta’ FARRUGIA u Camilleri fuq il-lok tal-inċident dakinhar tindika b’mod inekwivoku r-rabta tagħhom mal-aggressjoni fuq l-anzjana. Id-deskrizzjoni mogħtija mill-anzjana tal-malviventi tagħha kienet tikkonsisti f’deskrizzjoni anki tal-fattizi tal-wiċċ u mhux biss ta’ dak li kienu liebsa. Dan jirriżulta minn dak li xehdu l-uffiċjali tal-Pulizija meta f’paġna 345 in kontro-eżami, fuq domanda mill-Avukat Difensur tal-appellant f’dan is-sens, l-Ispettur Paul Camilleri jwieġeb hekk:

> Dr. George Anton Buttigieg: Pero’ minn dak li kont taf inti u minn dak li qaltlek l-anzjana, dawn il-features li skont intim inti ġejt għalih dan għax għandu dawn il-features, l-anzjana innutathom dawn il-features u qaltlek isma qed nagħrfu għax għandu dawn il-features?
>
> Xhud: Iva, eżatt. Qabel ma l-anzjana rat dawn ir-ritratti diġa kienet tagħtni deskrizzjoni ta’ wiċċu b’dawn il-features. Meta urejtha r-ritratt għarfitu komplessivament wiċċu. Mhux il-features għarfet imma għarfet il-wiċċ.

47. Ukoll, l-Ispettur Lydon Zammit f’paġna 397 tax-xhieda tiegħu in kontro-eżami jgħid hekk:

> Dr. George Anton Buttigieg: Jiġifieri li qed nifhem tajjeb hu iulli d-deskrizzjonijiet li tat il-vittma kienu rigward l-ilbies li kienu lebsin?
>
> Xhud: X’kienu lebsin u anke kienet tat xi description taż-żewġ persuni u meta tgħaqqad id-description tal-vittma, is-CCTVs u kollox, wasalna biex inkunu nistgħu nressqu lil Leslie u lil Susanne.

48. Għalkemm l-appellant għandu raġun jargumenta li meta xehdet l-anzjana Moffat qalet li dakinhar li kienet saret l-**identification parade** id-dar tagħha, għarfet li kien 'dan jew dan', b'daqshekk ma jfissirx li l-**identification parade** ma kinitx waħda li tista' tistrieħ fuqha. Qabel xejn din kienet mara anzjana ta' tmenin sena; però mill-mod kif xehdet deheret li kienet għadha luċida mhux ħażin. Iżda l-identification parade ġewwa d-dar tagħha saret dakinhar stess tal-11 ta' Settembru 2019 meta hija kienet għadha kif subiet l-aggressjoni u d-dokument konsistenti fir-ritratti li urewha l-Pulizija ġie ffirmat mill-anzjana bħala li kienet qiegħda tagħraf lil dik il-persuna immarkata bin-numru erbgħa. Dan kien l-appellant FARRUGIA. Dak li jidher fir-ritratt jaqbel ukoll ma' dik il-persuna li l-anzjana għarfet fil-Qorti bħala l-persuna maskili li kienet ippruvat tidderubaha dakinhar tal-akkadut : "hemm ara qegħdin ħdejn xulxin''.

49. Fil-Liġi Maltija m'hemmx regola ben definita ta' kif għandha ssir l-**identification parade** barra minn awla ta' Qorti, bħal f'xi Għassa tal-Pulizija jew x'imkien ieħor b'rabta ma' investigazzjoni ta' reat. F'dak il-każ, il-Qorti tkun teħtieġ li tistrieħ fuq ir-regoli tal-buon sens, kif intqal fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Stephen Zammit** deċiż nhar is-16 ta' Lulju 1998:

> Din id-dispożizzjoni, naturalment tapplika għall-identifikazzjoni f'Qorti, meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra l-Qorti, bħal per eżempju, fil-għassa tal-pulizija u li għalhekk tkun ippreċediet l-identifikazzjoni f'Qorti, il-liġi tagħna ma tgħid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza iddettati mill-buon sens li għandhom jiġu osservati speċjalment f'dawk li jissejjħu identification parades, dawn ir-regoli huma intiżi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bħala l-awtur ta' reat jew bħala l-persuna altrimenti nvoluta fih tkun attendibbli b'mod li l-ġudikant tal-fatt ikun jista' jserraħ moħħu li ma hemmx żball f'dik l-identifikazzjoni.

50. F'dan il-każ il-Pulizija segwiet il-linja tal-buon sens billi mill-mod kif saret l-identifikazzjoni minn fuq sett ritratti ta' rġiel ta' aspett fiżiku simili wassal lil Moffat biex għarfet lill-allegat malvivent bħala dak li r-ritratt tiegħu kien iġib in-numru erbgħa. Il-Pulizija ma kienux urewha xi filmati li kellhom f'idejhom jew li tgħarrfulha s-suspetti li huma kellhom qabel ma saret l-identifikazzjoni bil-mezz tar-ritratti. Ma hemmx evidenza soda li turi, almenu sal-grad tal-probabbli li l-Pulzija setgħu influwenzaw lill-vittma fl-identifikazzjoni ta' FARRUGIA bħala wieħed mill-persuni li ttantaw jisirquha.

51. Apparti minn hekk, il-ħwejjeġ li l-anzjana qalet li kien liebes dak ir-raġel li ġie identifikat bħala l-appellant FARRUGIA, reġgħu tfaċċaw fir-residenza tal-appellant stess fl-indirizz 37 Flat 6, Triq Feliċ Bormla waqt it-tfitxija mill-Pulizija. Fi kliem PC 965 Maverick Camilleri, meta hu u l-kollega tiegħu PC 1404 Dale Cassar marru jagħmlu tfittxija fir-residenza tal-appellant, setgħu jinnutaw l-istess ħwejjeġ li kienu dehru lebsin is-suspettati fuq il-filmati:

> **Aħna bdejna nagħmlu search fejn lejn il-kamra tal-banju kien hemm mazz ħwejjeġ fejn aħna għamilna search għall-ħwejjeġ għaliex konna rajna xi** footages minn qabel u jiena u PC 1404 elevajna flokk li kienet bih waqt il-filmati li rajna tal-attentat tas-serqa ta' Suzanne li huwa flokk beige, flokk aħdar li kien bih Leslie u żarbun li kien bih Leslie li jiena qiegħda nippreżenta.

52. L-istess jgħid PC 1404 Dale Cassar f'paġna 304 tax-xhieda tiegħu:

> ...sibna 2 flokkijiet li kieku l-istess 2 flokkijiet li ntużaw fis-serqa għax dehru mill-cameras u dawn l-istess flokkijiet ġew preżentati fil-Qorti mis-surġent 965.

53. Magħdud dan kollu, din il-Qorti, bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha tistqarr illi l-kwadru probatorju li għandha quddiemha huwa wieħed fejn prova ċirkostanzjali tgħaqqad ma' oħra b'mod univoku mingħajr l-ebda sfaċċettatura li tista' tagħti lok għal dubju dettat mir-raġuni f'moħħ il-ġudikant dwar l-involviment tal-appellant f'dan it-tentattiv ta' serq fuq l-anzjana Moffat. Wara li din il-Qorti qieset il-kwadru probatorju b'mod sħiħ, hija waslet għall-konklużjoni mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni li:

i) Dakinhar tal-11 ta' Settembru 2019, l-appellant FARRUGIA flimkien ma' Camilleri kienu qegħdin fl-inħawi tal-Fgura minn fejn seħħ l-attentat ta' serq fuq l-anzjana fil-ħin li din irraportat li kienet sfat aggredita minn persuna femminili akkumpanjata minn persuna maskili.
ii) Dawn iż-żewġt persuni kienu qegħdin fuq il-post mhux sabiex jgħinu lill-anzjana - kif sostna l-appellant - imma spiċċaw biex ittantaw jisirquha liema serqa ma seħħitx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom.
iii) Moffat xehdet b'konvinzjoni kif dak ir-raġel li ftit qabel kien talabha tgħinu għax kellu l-karozza wieqfa kien l-istess raġel li kien mat-tfajla (Camilleri) li mbuttata biex tipprova tieħdilha l-portmoni. Għalkemm minn kliem Moffat huwa minnu li FARRUGIA offrielha li jgħinha kif ra tipprova tqum

minn mal-art, biss hija xehdet, konvinċentement, li dan ir-raġel kien l-istess wieħed li kienet prova jidħaq biha bl-iskuża tal-vettura f'mument meta hija stess setgħet tinnota li ma kien hemm l-ebda vettura wieqfa u fejn daħlulha s-suspett li kien hemm xi ħaġa mhix f'postha.

iv) Moffat spjegat ukoll kif dan ir-raġel kien liebes flokk aħdar lewn il-piżella. FARRUGIA ma kienx hemmhekk biex ġenwinament joffri l-għinuna lil Moffat wara li seħibtu imbuttata u ssarat magħha sabiex tieħdilha l-portmoni;

v) L-istess flokk aħdar lewn il-piżella deher fil-cameras tas-sigurta' fuq il-persuna li l-Pulizija għarrfet li kien FARRUGIA – b'wiċċ FARRUGIA kien familjari mal-Pulizija. Dan jidher ukoll fl-istills preżentati fl-atti.

vi) Is-suspetti tal-Pulizija kienu msaħħa wkoll mid-deskrizzjoni li tat il-vittma mhux biss tal-ħwejjeġ li kien liebes FARRUGIA iżda anki ta' ċerti fattizzi distintivi tiegħu;

vii) Dawk l-istess ħwejjeġ deskritti mill-vittima fuq il-malviventi u li deheru wkoll ċar fil-filmati meħuda mill-Pulizija imbagħad instabu fir-residenza tal-appellant FARRUGIA.

54. Dawn il-provi jmeru bi sħiħ il-verżjoni tal-appellant FARRUGIA mhux biss għaliex l-identifikazzjoni tal-vittima u tal-Pulizija hija waħda affidabbli fejn ma tħalli ebda dubju dettat mir-raġuni, iżda anki għaliex it-tentattiv tiegħu (u ta' Camilleri) li jfarfru l-ħtija tal-akkadut fuq persuna oħra - li wkoll hija wiċċ familjari mal-Pulizija: Donna Borg/Sciberras - ma ssibx komfort fil-provi.

55. Skont l-Ispettur Lydon Zammit, Donna Borg ġiet investigata wara li isimha ssemma' b'rabta ma' dan il-każ. Biss, l-Ispettur Lydon Zammit ukoll jispjega ta' kif bdiet din l-istorja fejn l-appellant u Camilleri implikaw lil Donna Borg f'din is-serqa:

> Xhud: Donna Borg beda kollox, waqt li jiena kont se ninterroga lil Susanne, kelli ritratt, kelli still ta' serqa oħra li seħħet f'Birżebbuġa ftit jiem qabel imbagħad l-istill li mbagħad irriżulta li hija ta' Donna Borg kienet fuq id-desk tiegħi, sa dak il-ħin ma kienet issemmiet l-ebda Donna Borg u kif rat l-istills qaltli dik,, fil-fatt l-istill ukoll ġie ppreżentat f'dan il-proċess.

56. L-Ispettur Zammit ikompli jixhed ukoll kif Donna Borg qatt ma dehret fl-inħawi tas-serqa dakinhar tal-akkadut – u dan għall-kuntrarju ta' FARRUGIA u Camilleri. Apparti minn hekk l-anzjana Moffat qatt ma ddeskriviet lil xi persuna li taqbel mad-deskrizzjoni ta' Donna Borg bħala dik il-persuna femminili jew maskili li aggredieta. Huma l-appellant u Camilleri li jimplikaw lil Donna Borg; iżda fl-

assenza ta’ provi li jikkorraboraw dan il-fatt, din tagħhom tibqa’ biss konġettura sabiex jipprovaw jiżvijjaw u jfarfru l-ħtija fuq ħaddieħor.

57. F’paġna 399 tax-xhieda tiegħu in kontro-eżami, l-Ispettur Zammit jixhed:

> Qaltli li kienet dik, jiena ovvjament wara li għandi din l-informazzjoni, żgur li rrid għax ma nħossnix komdu li kiena ma nagħtix kasha, min-naħa tiegħi qabbadt lill-pulizija tiegħi għax naf illi kellna l-filmati ta’ fejn hi ndikat lejn il-knisja li ġriet li jiena għandi l-filmati taż-żewġ naħat jiġifieri ma setgħetx tiskapula minn hemmhekk, rajna kemm tan-naħa tal-knisja fejn kellna l-Iżibet u l-cameras t’hemmhekk u rajna wkoll il-bankina l-oħra fejn kien hemm il-Maypole u kien hemm xi cameras oħra. Minn dawk il-filmati, li anke ġew preżentati, ma tidher l-ebda persuna femminili li ġriet f’dik id-direzzjoni.

58. L-istess jixhed l-Ispettur Paul Camilleri fejn f’paġna 310 tax-xhieda tiegħu huwa jgħid hekk:

> Dr. George Anton Buttigieg: Meta inti rinfraċċjat b’din l-allegazzjoni inti nvestigajtha din?
> Xhud: Ovvjament.
> Dr. George Anton Buttigieg: X’irriżultalek?
> Xhud: Donna Sciberras, fl-ebda mument, fl-ebda ħin u fl-ebda camera, ma tidher. **Jidhru biss iż-żewġ persuni li qegħdin akkużati f’din il-kawża.**[21]

59. Magħdud dan kollu, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għad-deċiżjoni ta’ ħtija fil-konfront tal-imputat appellant. Għalhekk dan l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet ħtija fl-appellant għall-imputazzjoni numru tnejn meritu tat-tieni aggravju tiegħu.**

60. Skont ġurisprudenza prevalenti, ir-rekwiżiti minimi sabiex din l-imputazzjoni tiġi ritenuta integrata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huma billi l-Prosekuzzjoni tressaq:

(a) Kopja awtentika tad-digriet konċedenti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest;
(b) il-prova l-identita’ tal-persuna imputata ma’ dik imsemmija fid-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest;

[21] Enfasi ta’ din il-Qorti.

(c) il-prova li dak id-digriet kien jikkontjeni l-aħħar kondizzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-jum meta jkun ġie kommess ir-reat de quo;

(d) il-prova li kemm dak id-digriet kif ukoll il-proċeduri li minnu jitnisslu kienu għadhom pendenti u fis-seħħ fil-jum tal-kommissjoni tar-reat.

61. Illi għal dak li jirrigwarda l-prova tal-identita', kif jirriżulta minn fol. 26 tal-atti proċesswali, meta l-Ispettur Paul Camilleri xehed u preżenta kopja awtentika tad-digriet li permezz tiegħu FARRUGIA kien ingħata l-ħelsien mill-arrest nhar l-1 ta' Awwissu 2019, huwa xehed li kien qiegħed jagħraf lill-imputat FARRUGIA bħala l-istess persuna li fil-konfront tiegħu kien ngħata l-imsemmi digriet ta' ħelsien mill-arrest. In oltre, din il-Qorti tqis ukoll li fl-imsemmija proċeduri li minnhom huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest, l-uffiċjal prosekutur kien l-istess Spettur Paul Camilleri.

62. L-appellant kien ġie mixli li kkometta r-reati mertu ta' dawn il-proċeduri nhar il-11 ta' Settembru 2019 u għalhekk ftit iktar minn xahar minn meta kien ingħata l-ħelsien mill-arrest fil-proċeduri li kienu ttieħdu kontra tiegħu quddiem il-Maġistrat Monica Vella. Dan ifisser illi **preżumibilment** l-imsemmija proċeduri quddiem il-Maġistrat Monica Vella kienu għadhom pendenti fil-perjodu tal-kommissjoni tar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

63. Biss, din hija konklużjoni li jkun jeħtieġ li l-Qorti tagħmel assunzjoni li dawk il-kundizzjonijiet kienu għadhom fis-seħħ u dan peress li l-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-fatt dak id-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest u l-proċeduri kriminali li fihom ingħata kienu għadhom verament pendenti meta l-appellant ikkommetta d-delitt li bih ġie mixli f'dan il-każ. Ebda Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tista' ssib ħtija t'imputazzjoni fuq mera assunzjoni. Għall-kuntrarju jispetta lill-Prosekuzzjoni li tressaq il-provi fuq l-elementi kollha tal-imputazzjoni sal-grad rikjest minnha skont il-Liġi.

64. Minħabba li din il-prova tal-viġenza tad-digriet fil-mument tal-kummissjoni tad-delitt ma ġietx pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, jiġi għalhekk li huwa nieqes wieħed mir-rekwiżiti li jeħtieġ li jiġi ppruvat sabiex tinstab ħtija għal ksur ta' digriet ta' ħelsien mill-arrest.

65. Għaldaqstant dan l-aggravju jimmerita li jiġi milqugħ in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għal ksur tal-kundizzjonijiet tad-digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest u għalhekk din il-Qorti sejra tħassar is-sejbien ta' ħtija tal-appellant f'dan is-sens, b'rikaduta inevitabbli fuq il-piena komminabbli.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet ħtija fl-appellant għall-imputazzjoni numru tlieta meritu tat-tielet aggravju tiegħu.**

66. Fit-tielet aggravju l-appellant jilmenta li ma saritx il-prova tal-identita' kif rikjest mill-Liġi in kwantu din saret biss minn verifika tal-konnotati tal-imputat appellant u mhux ukoll mill-produzzjoni ta' xhud li jkun kapaċi jagħraf wiċċ l-imputat u jikkonferma li l-imputat huwa l-istess persuna akkużat f'dawn il-proċeduri.

67. Illi biex tirnexxi din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni trid:

(a) tipproduċi kopja awtentika tas-sentenza li minnha titnissel il-piena ta' priġunerija fil-forma sospiża mogħtija ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali;
(b) trid issir il-prova tal-identita' tal-appellant bħala li tkun taqbel mal-identita tal-persuna li tkun ġiet kundannata l-piena ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha; Din tista' ssir billi :
  (i) jixhed dak li kien l-uffiċjal prosekutur fil-kawża deċiża u jikkonferma l-identita tal-imputat f'dik il-kawża bħala li jkun identiku għal dik tal-persuna imputata fil-proċeduri li jkunu għad iridu jiġu deċiżi, **jew**
  (ii) billi tiġi preżentata prova biċ-ċertifikat tat-twelid **jew**
  (iii) billi jkun hemm indikazzjoni uffiċjali tal-karta tal-identita **jew**
  (iv) billi jkun hemm indikazzjoni minn dokument ieħor uffiċjali li minnu tkun tirriżulta l-identita tal-imputat
  (v) **jew** il-konnotati tal-imputat li jkun ġie misjub ħati preċedentement li jkunu imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata jirriżultaw li jkunu identiċi mal-konnotati tal-persuna imputata kif ikunu jirriżultaw fil-proċess oriġinali u
(c) trid tressaq il-prova li fid-data tal-kommissjoni tar-reati li ġie mixli bihom f'dawn il-proċeduri, il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża kien għadu fis-seħħ;

(d) u li dik is-sentenza kienet sentenza li kienet definittiva u mhux sentenza li kienet għadha b'xi mod sub iudice;
(e) ir-reat li bih ikun qiegħed jiġi mixli l-imputat bħala li twettaq fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża jrid ikun tali li jinkorri piena ta' priġunerija fil-każ ta' sejbien ta' ħtija.

68. F'dan il-każ, din imputazzjoni ġiet imsejsa fuq il-ksur ta' sentenza ta' priġunerija ta' sena li ġiet sospiża għal terminu ta' erba' snin mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-20 ta' Frar 2018.

69. Ir-reat li bih ġie mixli l-appellant bħala li wettaq fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża huwa wieħed li jġorr piena ta' priġunerija bejn xahar u sitt xhur.

70. Kopja awtentika ta' din is-sentenza ġiet esebita f'paġna 178 tal-atti proċesswali mill-Ispettur Lydon Zammit.

71. F'paġna 319 tal-atti proċesswali r-Reġistratur tal-Qrati, Eunice Grech Fiorini ikkonfermat li ma kien sar l-ebda appell minn dik is-sentenza. Għalhekk il-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza ta' priġunerija sospiża beda jiddekorri mill-20 ta' Frar 2018 għal erba' snin iġifieri sal-20 ta' Frar 2022.

72. F'dan il-każ irriżulta li r-reati de quo ġew kommessi fil-11 ta' Settembru 2019. B'hekk ġie pruvat ukoll li dan ir-reat ġie kommess fil-parametri ta' operattivita' ta' dik is-sentenza sospiża mogħtija nhar l-20 ta' Frar 2018.

73. In kwantu għall-prova tal-identiċita' tal-konnotati tal-imputat appellant ma' dawk tal-appellant FARRUGIA, jirriżulta li fuq is-sentenza eżebita a fol 178 hemm l-isem tal-imputat (Leslie Farrugia) u l-karta tal-identita tiegħu (202492(M) jaqblu ma dawk tal-imputat Leslie FARRUGIA f'dan il-każ in kwantu huma identiċi. Ma hemm bżonn ta' ebda prova oħra biex jiġi pruvat b'mod ċert li l-imputat appellant huwa l-istess persuna li isimha u l-karta tal-identita tagħha jidhru fuq is-sentenza eżebita a fol 178.

74. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għal din l-imputazzjoni li r-reat de quo ġie kommess mill-appellant fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija mogħtija fil-konfront tiegħu.

75. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi respint.

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet ħtija fl-appellant għall-addebitu tar-reċediva meritu tar-raba' aggravju tiegħu.**

76. Illi in kwantu għall-addebitu tar-reċidiva, l-appellant jikkontendi li tali kundanna ma ġietx ippruvata skont il-grad rikjest mil-Liġi.

77. L-addebitu tar-reċidiva ġie msejjes fuq żewġ sentenzi: dik mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' Frar 2018 (fol. 178) liema sentenza ġiet esebita mill-Prosekuzzjoni bħala bażi għal sejbien ta' ħtija għal ksur tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali (iktar 'il quddiem din il-Qorti rreferiet għaliha bħala t-tielet imputazzjoni) – u dik mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-18 ta' Diċembru 2018.

78. Biex il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' tapplika l-effetti tar-reċidiva fil-konfront ta' persuna misjuba ħatja ta' delitt, dik il-Qorti qabel xejn tkun trid li ssib lil dik il-persuna bħala li tkun reċidiva. Iż-żieda fil-piena hija **effett** tar-reċidiva u mhux il-kawża. U ġaladarba ż-żieda hija effett tar-reċidiva, biex dak l-effett ikun jista' jiġi fis-seħħ, jeħtieġ li qabel xejn il-kawża tiegħu – jiġifieri r-reċidiva - tkun pruvata. L-effett tar-reċidiva jista' jġib miegħu konsegwenzi serji fuq l-imputat in kwantu Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' żżidlu l-piena ordinarjament imposta mill-Liġi għal dik li tkun stabbilita bl-artikoli tal-Liġi regolanti l-effetti tar-reċidiva b'mod ġenerali jew speċjali.

79. Għalhekk l-addebitu tar-reċidiva ma jistax jitqies mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali b'mod leġġer u dan peress li jekk pruvata, r-reċidiva tista' tħalli impatt serju fuq il-kwalita u l-kwantita tal-piena imponibbli fuq l-imputat. Qorti ta' Ġustizzja Kriminali **ma tistax tassumi** li persuna huwa reċidiv jew tqis imputat bħala reċidiv sempliċiment mad-daqqa t'għajn lejn il-fedina penali tiegħu – għalkemm din hija indikattiva tal-karattru tal-imputat u l-ġurisprudenza teżiġi li tittieħed in konsiderazzjoni f'kull każ meta tali Qorti tiġi biex teroga l-piena.

80. Biex imputat jiġi ritenut legalment reċidiv – bil-konsegwenti potenzjal ta' żieda fil-piena ordinarja stabbilita għar-reat partikolari -

il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jridu jassiguraw li r-rekwiżiti tar-reċidiva jiġu soddisfatti. Fosthom hemm:

i. Ir-reċidiva trid tiġi imputata u pruvata mill-istess Prosekuzzjoni bi provi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni;

ii. Ir-reċidiva mhix reat *per se* iżda hija addebitu fuq il-persuna tal-imputat in kwantu ċirkostanza aggravanti inerenti għall-persuna tal-imputat.[22]

iii. Ir-reċidiva tiġi pruvata billi tiġi preżentata kopja awtentika tas-sentenza li minnha tkun temana l-kundanna preċedenti in kwantu riferenza għall-fedina penali waħedha mhix suffiċjenti.

iv. Trid tiġi pruvata l-identiċita tal-persuna imputata mal-persuna li tkun ġiet imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata bi prova in reċidiva. Din tista' ssir billi :
   a. jixhed dak li kien l-uffiċjal prosekutur fil-kawża deċiża u jikkonferma l-identita tal-imputat f'dik il-kawża bħala li jkun identiku għal dik tal-persuna imputata fil-proċeduri li jkunu għad iridu jiġu deċiżi, **jew**
   b. billi tiġi preżentata prova biċ-ċertifikat tat-twelid **jew**
   c. billi jkun hemm indikazzjoni uffiċjali tal-karta tal-identita **jew**
   d. billi jkun hemm indikazzjoni minn dokument ieħor uffiċjali li minnu tkun tirriżulta l-identita tal-imputat
   e. **jew** il-konnotati tal-imputat li jkun ġie misjub ħati preċedentement li jkunu imsemmija fis-sentenza awtentika preżentata jirriżultaw li jkunu identiċi mal-konnotati tal-persuna imputata kif ikunu jirriżultaw fil-proċess oriġinali

v. Għall-fini tal-artikoli 50 u 53 tal-Kodiċi Kriminali huwa meħtieġ ukoll li tinġieb il-prova jekk il-piena tkunx ġiet maħfura jew skontata u f'dan is-sens tista' tinġieb prova dokumentarja jew viva voce tar-Reġistratur.

vi. F'kull każ tkun trid tinġieb il-prova li s-sentenza eżebita fl-atti in reċidiva kienet saret **res iudicata** billi:

---

[22] Skont il-Marinucci u Dolcini fil-***Manuale di Diritto Penale:***

> La recidiva e' una **circostanza del reato**: in particolare si tratta di una *circostanza aggravante soggettiva*, e piu' precisamente una *circostanza aggravante inerente alla persona del colpevole*.

a. jew li ma sarx appell minn dik is-sentenza jekk dik tkun sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza **jew**
b. fil-każ fejn ikun sar appell minn sentenza tal-Prim'Istanza tinġieb prova bis-sentenza awtentika tal-Qorti tal-Appell Kriminali **jew**
c. b'digriet awtentiku ta' deżerzjoni tal-appell, b'dikjarazzjoni ġuramentata tal-Uffiċjal Prosekutur partikolari jew tar-Reġistratur li jikkonfermaw li mill-istħarriġ tagħhom ikun jirriżulta li dik is-sentenza partikolari tkun għaddiet in ġudikat. Altrimenti f'każ fejn ma jkunx hemm prova li s-sentenza kundannatorja preċedenti kienet **res iudicata**, ma jkunx jista' jingħad b'sikurezza li persuna hekk imputata bir-reċidiva tkun fil-fatt reċidiva skont il-Liġi u dan peress li sakemm il-posizzjoni tal-persuna imputata ma tkunx ġiet kristallizzata bil-ġudikat, u tkun tista' għadha tinbidel fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

81. Fejn l-addebitu tar-reċidiva jkun jistrieħ fuq sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża u li fuqha tkun ukoll ibbażata imputazzjoni ad hoc għal ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali minħabba li r-reat ikun ġie kommess fil-perjodu operattiv tas-sentenza ta' priġunerija sospiża, il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tar-reċidiva fit-termini tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali u tqis li tista' tkun il-bażi tar-reċidivita fis-sensi ta' dak l-artikolu biss skont kif imsemmi fl-artikolu 28F tal-Kodiċi Kriminali. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Emanuel Ellul** omissis deċiż nhar it-23 ta' Ġunju 2020 intqal:

> Mill-banda l-oħra permezz tas-sentenza datata t-18 ta' Ottubru 2004 l-appellant ġie kundannat għal piena ta' sentenza ta' priġunerija sospiża. Għalkemm din hija meqjusa bħala kundanna anke għall-fini tar-reċidiva, madankollu tinħoloq diffikulta' oħra. Jekk b'dik is-sentenza ir-reat ikun jirriżulta li seħħ fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza sospiża, bis-saħħa tal-artikolu 28F tal-Kodiċi Kriminali dik il-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-artikolu 50 ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura – u mill-atti ma ġie pruvat xejn minn dan. L-anqas ma ġie pruvat jekk din is-sentenza kienetx res iudicata jew taħt appell fil-jum tal-kommissjoni tad-delitti.

82. Għal dak li jirrigwarda l-prova tal-identiċita' tal-imputat jirriżulta li l-konnotati tiegħu jaqblu kemm bħala numru ta' karta tal-identita' kif ukoll bħala dettalji li jirriżultaw mill-estratt taċ-ċertifikat tat-twelid

esebit a fol. 3 tal-atti proċesswali u dan b'riferenza għaż-żewġ sentenzi eżebiti bħala prova għall-fini tal-addebitu tar-reċidiva.

83. Jirriżulta wkoll li kemm is-sentenza datata 20 ta' Frar 2018 kif ukoll dik datata 18 ta' Diċembru 2018 huma vera kopja awtentikata tal-oriġinali u għaldaqstant ġiet ippruvata wkoll l-awtentiċita' tas-sentenzi.

84. Issa, għalkemm jidher li ż-żewġ sentenzi kienu għaddew in ġudikat u dan kif jirriżulta mix-xhieda tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali Eunice Fiorini (fol. 319), ai fini tar-reċediva prospettata fl-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, is-sentenza datata 20 ta' Frar 2018 ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni.

85. Biss, għal dak li jirrigwarda s-sentenza datata 18 ta' Diċembru 2018, ir-rekwiżiti ġew ilkoll ippruvati mill-Prosekuzzjoni. Jirriżulta li bis-saħħa ta' din is-sentenza l-appellant ġie kkundannat sitt xhur priġunerija għal reat ta' serq.

86. Għaldaqstant, l-imputat appellant seta' jiġi legalment u raġonevolment meqjus bħala reċidiv ġeneriku ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali iżda wkoll bħala reċidiv speċifiku fis-sensi tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali.

87. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi respint.

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

88. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed.

> The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

89. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik

li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-RepubbIika ta’ Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta’ Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li **l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz**[23] (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta’ l-ewwel qorti) li kien jincidi b’mod partikolari fuq il- piena. S’intendi, kif diga` nghad, “sentencing is an art rather than a science” u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta’ kaz ma’ iehor jew tal-piena erogata f’kaz ma’ dik erogata f’kaz iehor.

90. Il-ġurisprudenza prevalenti f’dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F’dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta’ reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f’qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis ‘anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta’ l-ewwel qorti’.

91. Magħdud dan kollu, din il-Qorti tqis li l-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għandha tinbidel biex tirrifletti l-varjazzjoni magħmula f’din is-sentenza għar-raġunijiet imsemmija iżjed il-fuq. Qabel xejn jirriżulta li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) konsegwenti s-sejbien ta’ ħtija fl-appellant fir-rigward tal-imputazzjoni tat-tentattiv ta’ serq sempliċi kif miżjud bir-reċidiva kemm ġenerali kif ukoll speċjali, u għall-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest kienet waħda komplessiva fl-ammont ta’ sentejn priġunerija. Imbagħad dik il-Qorti ordnat li tidħol fis-seħħ is-sentenza ta’ sena priġunerija fil-forma sospiża mogħtija lir-rikorrent minn dik il-Qorti b’sentenza tal-20 ta’ Frar 2018. Għalhekk il-piena komplessiva kienet dik ta’ tliet snin priġunerija flimkien mal-konfiska tal-ammont ta’ ħamest elef euro (€5000) rappreżentanti l-garanzija intiera fuq il-ħelsien mill-arrest u l-ordni għall-arrest mill-ġdid.

---

[23] Enfasi ta’ din il-Qorti.

92. Iżda kif intqal iżjed il-fuq, din il-Qorti ma sabitx li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għall-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. B'hekk mis-sentenza finali trid titnaqqas mill-piena dik il-parti li kienet tirrifletti s-sejbien ta' ħtija f'din l-imputazzjoni – u allura kemm il-konfiska tal-ammont ta' ħamest elef euro (€5000) rappreżentanti l-garanzija intiera fuq il-ħelsien mill-arrest u l-ordni għall-arrest mill-ġdid minħabba tali ksur kif ukoll dik il-porzjoni ta' priġunerija inflitta għal din is-sejbien ta' ħtija. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma speċifikatx din il-porzjoni x'kienet in kwantu imponiet piena komplessiva għal din l-imputazzjoni u dik tat-tentattiv ta' serqa sempliċi.

93. Il-piena erogabbli għar-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali hija dik ta' multa jew priġunerija **bejn erba' xhur u sentejn** jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien, minbarra l-konfiska tal-ammont imsemmi fil-garanzija.

94. Il-piena massima għar-reat ta' serqa sempliċi tvarja bejn **xahar u sitt xhur priġunerija**. It-tentattiv ta' serqa sempliċi – f'każ fejn is-serqa sempliċi ma tiġix ikkunsmata minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-ħati – inaqqas din il-piena bi grad jew tnejn. Il-**piena fil-minimum** imnaqsa bi grad tinżel għal piena ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn għoxrin ġurnata, jew għad-detenzjoni jew għall-ammenda.[24] Il-Liġi ma tipprovdix għal inżul iżjed minn hekk in kwantu l-piena ta' detenzjoni jew ammenda huma diġà pieni erogabbli għal kontravenzjonijiet u mhux għal delitti. Huwa dibattibbli jekk allura minħabba li jkun għad fadal grad ieħor x'jinżel, tali grad jistax jirrifletti l-possibilita' li l-Qorti timponi t-tielet modalita' penali prevista mill-Liġi ossija dik taċ-ċanfira jew twiddiba.[25] Il-Liġi ma tipprevedix dan fis-sens li siekta. Mill-banda l-oħra ġaladarba l-appellant ġie misjub ħati, u sejjer jiġi hekk konfermat reċidiv fis-sensi tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali **il-piena massima** biż-żieda ta' żewġ gradi tista' titla għal disa' xhur priġunerija b'żieda ta' grad jew sena b'żieda ta' żewġ gradi.

95. Ġaladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-appellant ħati tat-tentattiv ta' serqa sempliċi nonche r-reċidiva ġenerika daqskemm speċifika din il-Qorti tqis li l-piena għal dan ir-reat għandha tkun dik ta' **sitt xhur priġunerija**.

---

[24] L-artikolu 31(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.
[25] L-artikolu 7(2)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.

# **Deċide**

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tilqgħu biss <u>in parte</u> (u għal dak li jirrigwarda biss l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant FARRUGIA) u filwaqt li <u>tikkonferma</u> s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn:**

**i) Sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni;**
**ii) Fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni li wettaq ir-reat de quo fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija kontra tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' Frar 2018 u fejn allura ordnat li l-piena ta' priġunerija ta' sena hemmhekk inflitta tibda sseħħ; u fejn**
**iii) Sabet lill-appellant ħati tal-addebitu tar-reċediva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;**

**Mill-banda l<u>-oħra tħassarha</u> fejn:**

**iv) Sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni tal-ksur tad-digriet datat 1 ta' Awissu 2019 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Monica Vella u fejn allura ġiet ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta fl-ammont ta' ħamest elef euro (€5000) rappreżentanti l-garanzija intiera imposta fuqu u l-konsegwenti revoka tad-digriet li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest u fejn ġie ordnat l-arrest mill-ġdid tiegħu in konnessjoni mas-sejbien ta' ħtija ta' dan il-ksur; u kif ukoll fejn**
**v) Ikkundannat lill-appellant għat-terminu ta' priġunerija ta' tlett snin priġunerija effettivi b'mod komplessiv;**

**Biex minflok:**

**vi) kwantu għas-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni (miġjuba komunement lill-appellant u l-ko-imputata Camilleri) u li ġiet konfermata b'din is-sentenza, ossija fit-tentattiv ta' serqa sempliċi b'mod li rrenda ruħu reċidiv b'mod ġeneriku u speċifiku, tikkundannah għall-piena ta' <u>sitt xhur priġunerija</u>.**

**Jiġi ċċarat għalhekk li b'din is-sentenza l-appellant qiegħed jiġi ordnat li jiskonta l-perjodu komplessiv ta' sena u sitt xhur priġunerija minflok it-tliet snin imsemmija fis-sentenza appellata.**

**U safejn mhux mibdula kif ingħad, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**